**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 26 ta' Novembru, 2024

Rikors Ġuramentat: 249/19AL

**AB**

**vs.**

**CD**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tal-attriċi tal-11 ta' Novembru 2019[1] li permezz tiegħu ppremettiet:

*1. Illi r-rikorrenti li hija ta' nazzjonalita Serba, wara li iltaqghet ma' l-intimat li huwa ta' nazzjonalita Taljana gewwa Malta, u bdiet relazzjoni mieghu gewwa Malta bejn is-sena 2017 u s-sena 2018, izzewwget lil-istess intimat gewwa Catania, Sqallija fis-26 ta' April 2018 (Kopja tac-certifikat taz-zwieg flimkien ma' kopja ta' traduzzjoni certifikata tieghu fil-*

[1] Fol. 1.

*lingwa Ingliza hawn taht komplessivament annessi u mmarkati bhala Dok. VC1), u sussegwentement regghu rritornaw gewwa Malta sabiex ikomplu jghixu u jahdmu gewwa Malta, li kienet u ghadha r-residenza ordinarja taghhom sal-gurnata tal-lum;*

*2. Illi in oltre, fil-mument illi l-partijiet zzewwgu gewwa Catania, Sqallija, huma ukoll ghazlu illi z-zwieg taghhom jigi regolat bir-regim matrimonjali tas-separazzjoni tal-beni, u dana kif jirrizulta minn certifikat mahrug mill "Comune di Catania" intitolat "Estratto per Riassunto dell'Atto di Matrimonio", kopja hawn taht annessa u mmarkata bhala Dok. VC2;*

*3. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;*

*4. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma baqghetx aktar possibbli minhabba ragunijiet u htijiet imputabbli solament lill-intimat u sufficjenti fil-ligi, fosthom abbandun tad-dar matrimonjali tal-partijiet gewwa Malta, ingurji, theddid u vjolenza psikologika;*

*5. Illi r-rikorrenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi b'din il-kawza ghas-separazzjoni minn ma' zewgha permezz ta' digriet mahrug mill-Qorti Civili [Sezzjoni tal-Familja] datat 11 ta' Settembru 2019, kopja legali ta' liema digriet qed tigi hawn taht annessa u mmarkata bhala Dok. VC3;*

*6. Illi ma hemmx lok ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u l-intimat anki irrifjjuta kategorikament illi jasal ghal ftehim bonarju ta' separazzjoni, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;*

*Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni jew provvedimenti necessarji u opportuni;*

> *1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba ragunijiet imputabbli unikament lill-intimat fosthom abbandun tad-dar matrimonjali, theddid, ingurji u vjolenza psikologika, kommessi mill-intimat a dannu ta' martu r-rikorrenti;*

*2. Tapplika in toto jew in parte kontra l-intimat l-effetti tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48, 51 u 53 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*3. Tiddikjara illi peress illi z-zewg partijiet jahdmu u huma finanzjarjament indipendenti minn xulxin, l-ebda parti m'għandha thallas xi manteniment lill-parti l-ohra*

*4. Tiddikjara illi bejn il-partijiet tezizti s-separazzjoni tal-beni kif maghzula minnhom fil-mument taz-zwieg taghhom, li tapplika b'mod generali ghaz-zwieg tal-partijiet, u ghaldaqstant kwalsiasi assi u djun maghmula minn kull parti wahedha ghandha tibqa' l-proprjeta u r-responsabbilita assoluta ta' dik il-parti li fuqha tinstab intestata, filwaqt illi tillikwida dak mizmum mill-partijiet f'isimhom t-tnejn, fejn u jekk applikabbli, b'mod illi jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet occorrendo bl-opera ta' periti nominandi biex jivvalutaw il-propjeta' tal-partijiet, u billi jigi nominat Nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-intimat fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att;*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat illi huwa minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat id-digriet tal-11 ta' Settembru 2019[2] li bih il-Qorti ddikjarat magħluqa l-medjazzjoni u awtorizzat lill-partijiet jipproċedu b'kawża fit-termini mposti bil-liġi;

Rat kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet maħruġ mill-Comune di Catania;[3]

Rat li l-konvenut, debitament notifikat bir-rikors ġuramentat u l-avviż tas-smiegħ, ma preżentax risposta ġuramentata u li l-Qorti ddikjaratu kontumaċi fis-seduta tal-15 ta' Frar 2022;[4]

[2] Fol. 12.
[3] Fol. 5.

Rat illi fl-istess seduta, il-Qorti ħatret lil Dr Abigail Critien bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma' l-provi tal-attriċi biss u li fl-udjenza tal-1 ta' Ġunju 2023,[5] l-istess Dr Critien ġiet sostitwita b'Dr Marita Pace Dimech *stante* li ġiet elevata għall-bank tal-ġudikatura, bis-soliti fakoltajiet;

Rat il-verbali kollha u x-xhieda mressqa mill-attriċi;

Rat l-atti kollha proċesswali;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;[6]

**Ikkunsidrat:**

Illi l-attriċi tgħid li hija ta' nazzjonalità Serba u wara li ltaqgħet mal-konvenut, li huwa ta' nazzjonalità Taljana, ġewwa Malta, bdew joħorġu flimkien u wara sena żżewwġu ġewwa Catania, Sqallija, fis-26 ta' April 2018, hekk skont kopja ta' ċertifikat taż-żwieġ ppreżentat u maħruġ mill-Comune di Catania. Huma rritornaw Malta u baqgħu jirrisjedu u jaħdmu hawn u għażlu li r-reġim matrimonjali tagħhom ikun dak tas-separazzjoni tal-beni. Hija tgħid li l-ħajja matrimonjali ma baqgħetx aktar possibbli minħabba raġunijiet suffiċjenti fil-liġi, fosthom l-abbandun mid-dar matrimonjali ġewwa Malta, inġurji, theddid u vjolenza psikoloġika, u għalhekk titlob lill-Qorti tiddikjara s-separazzjoni bejniethom, tapplika l-effetti tal-Artikoli 48 *et seq.* tal-Kap 16 u tiddikjara li bejn il-partijiet teżisti s-separazzjoni tal-beni u għaldaqstant kwalsiasi assi u djun magħmula minn kull parti għandha tibqa' l-proprjetà u r-responsabbilità assoluta ta' dik il-parti, filwaqt li tillikwida u tassenja dak miżmum in komuni bejn il-partijiet.

Il-konvenut debitament notifikat ma preżentax risposta.

**Ikkunsidrat:**

---

[4] Fol. 41.
[5] Fol. 56.
[6] Verbal tat-30 ta' April 2024.

Illi l-Qorti, wara li eżaminat l-atti, rat illi l-prova mressqa mill-attriċi biex turi li hija miżżewġa lill-konvenut,[7] u li jirrenja bejniethom ir-reġim tas-separazzjoni tal-beni[8] effettivament hija waħda dokumentarja, maħruġa allegatament minn awtorità estera, mill-Italja preċiżament. Mingħajr tlaqliq, il-Qorti ma hiex sodisfatta b'din il-prova ta' dawk li effettivament jidhru li huma dokumenti legali, u teżita milli taċċetta tali dokumenti mingħajr assigurazzjoni li effettivament huma skond il-forma u sustanza tal-Liġi tal-pajjiż minn fejn allegatament inħarġu, preċiżament għaliex ma hijiex edotta minn dak li jsir fl-esteru. Dan id-dubju li għandha l-Qorti jassumi importanza kardinali meta jiġi kkunsidrat li l-eżitu ta' din il-kawża sejjer jaffettwa l-istatus legali tal-partijiet.

Issa l-Kap 12 jistipula f'Artikolu 627 liem dokumenti **ma jinħtiġux prova oħra tal-awtentiċità tagħhom ħlief dik li tidher minnhom infushom:**

*"Id-dokumenti msemmijin hawn taħt huma ammissibbli bi prova bla ma tkun meħtieġa ebda prova oħra tal-awtentiċità tagħhom, ħlief dik li tidher minnhom infishom, u jippruvaw dak li jkun fihom, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju:*

*(a) l-atti tal-Gvern ta' Malta, iffirmati mill-Ministru jew mill-kap tad-dipartiment li minnu jkunu ħarġu, jew, fl-assenza ta' dan, mid-deputat, assistent jew uffiċjal ieħor li jiġi warajh fil-grad, awtorizzat li jiffirma dawk l-atti;*

*(b) ir-reġistri ta' dipartiment tal-Gvern ta' Malta;*

*(ċ) l-atti pubbliċi kollha ffirmati mill-awtoritajiet kompetenti, u maħruġin fil-Gazzetta tal-Gvern;*

*(d) l-atti tal-Gvern ta' Malta, stampati bl-awtorità tal-Gvern u ppubblikati regolarment;*

*(e) l-atti u r-reġistri tal-qrati tal-ġustizzja u tal-qrati ekkleżjastiċi ta' Malta;*

---

[7] Fol. 5.
[8] Fol. 9.

*(f) iċ-ċertifikati maħruġin mill-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku u mir-Reġistratur tal-Artijiet;*

*(g) it-testimonjal magħmul taħt l-awtorità tal-Qorti tal-Kummerċ;*

*(h) id-dokumenti msemmija fl-artikolu 68, fis-subartikolu (3) tal-artikolu 95, fl-artikolu 227 u, safejn japplika l-artikolu 227, fl-artikolu 274 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili kif provdut fl-imsemmija dispożizzjonijiet.*

L-Artikolu 628 imbagħad isemmi atti li huma ammissibbli bħala prova, bħal l-atti tal-Gvern ta' Malta msemmijin fl-Artikolu 627, jekk kemm-il darba jkunu awtentikati kif isemmi l-istess artikolu:

*"628. L-atti ta' Gvern barrani, jew ta' dipartiment ta' gvern barrani,* ***jew ta' qrati ta' ġustizzja barranin****, jew ta' stabbilimenti barranin,* ***awtentikati, mir-rappreżentant diplomatiku jew konsulari tal-Gvern ta' Malta fil-pajjiż li fih ikunu ħarġu, jew minn persuna li tkun qed isservi f'servizz diplomatiku, konsulari, jew f'xi servizz ieħor barrani ta' xi pajjiż li b'arranġamenti tal-Gvern ta' Malta jkun qed jirrappreżenta l-interessi ta' dan il-Gvern f'dak il-pajjiż, jew minn awtorità oħra kompetenti, fil-pajjiż li fih ikunu ħarġu, huma wkoll ammissibbli bi prova*** *bl-istess mod bħad-dokumenti msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan."*

Illi fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar it-12 ta' Marzu, 2024 fl-ismijiet **Avukat Dr Johnaton Abela *noe* vs Frank Cachia *noe***[9] l-Qorti tispjega d-differenza bejn iż-żewġ artikoli u tgħid**:** ***"****Art. 627 tal-kodiċi ritwali jirreferi għal sensiela ta' atti tal-Gvern ta' Malta li huma ammissibbli bħala prova bla ma tkun meħtieġa ebda prova oħra tal-awtentiċità tagħhom.*

*14. B'kuntrast ma' dan, l-Art. 628 jinħtieġ li atti ta' Gvernijiet, dipartimenti tal-Gvern, Qrati u stabbilimenti barranin huma ammissibbli bħala prova bħall-atti tal-Gvern ta' Malta msemmijin fl-Art. 627 kemm-il darba jkunu "awtentikati mir-rappreżentant diplomatiku jew konsulari tal-Gvern ta' Malta fil-pajjiż li fih ikunu ħarġu, jew minn xi persuna fis-servizz*

[9] Deċiża mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fit-12 ta' Marzu 2024 (Rik. Nru. 30/15/1 FDP).

*diplomatiku, konsulari, jew f'xi servizz ieħor barrani ta' xi pajjiż li b'arranġamenti tal-Gvern ta' Malta jkun qed jirrappreżenta l-interessi ta' dan il-Gvern f'dak il-pajjiż, jew minn awtorità oħra kompetenti, fil-pajjiż li fih ikunu ħarġu".*"

Tgħid ukoll il-Qorti fis-sentenza riċenti **Paul Borg Olivier *noe* vs Il-Prim Ministru *et*[10]** illi:

*"Il-Qorti tqis li l-prokuri in kwistjoni, ċertament li ma ġewx esebiti f'dawn l-atti wara li kienet saret id-debita proċedura li kellha ssir sabiex jiġu ammessi bħala prova valida tal-mandat li r-rikorrenti taw lill-Avukat Paul Borg Olivier.* ***Id-dispożizzjonijiet tal-liġi appena ċitati, jagħmluha ċara li dokument magħmul barra minn Malta ma jistax jiġi ppreżentat quddiem il-Qrati Maltin mingħajr id-debita awtentikazzjoni/legalizzazzjoni kif imfissra mill-istess dispożizzjonijiet. Il-Qorti tagħraf li dawn id-dispożizzjonijiet huma ta' ordni pubbliku, u għalhekk m'għandha tippermetti l-ebda deroga minnhom****, u mhux kif qegħdin jippretendu r-rikorrenti. Huwa inutli li huma jargumentaw li fiż-żmien li saru l-prokuri, il-Libja kienet tinsab fi stat ta' gwerra ċivili, għaliex huma saħansitra naqsu milli juru li dan wassal għall-impossibilità assoluta għalihom li jeżegwixxu prokura valida awtentikata kif titlob il-liġi."*

Illi kif jidher ċar minn dawn id-dispożizzjonijiet tal-Kap 12 u l-każistika nostrana, il-proċedura msemmija f'Artikolu 628 hija waħda li għandha tkun imħarsa b'rigorożita, u anke meta l-Qorti kellha quddiemha każ ta' gwerra ċivili, u għalhekk diffikultà biex isiru l-proċeduri kif titlob il-liġi, xorta waħda ma kinitx laxka fil-mod kif applikat dawn id-dispożizzjonijiet.

Illi l-Qorti tirrileva wkoll illi din il-proċedura tista tiġi evitata jekk id-dokument ikun oriġina minn pajjiż membru tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-5 ta' Ottubru 1961. Fil-każ tal-membri tal-Konvenzjoni, il-*Hague apostille* tikkonferma l-awtentiċità tad-dokument mingħajr il-bżonn ta' aktar proċeduri bħal ma hija l-proċedura maħsuba fil-liġi Maltija fl-artikoli ċitati hawn fuq. Dan japplika għall-pajjiżi li huma firmatarji għal din il-

[10] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) (Rik. Ġur. Nru. 254/2020 LM) pendenti appell.

Konvenzjoni. F'Każ ta' pajjiżi li m'humiex parti mill-Konvenzjoni imbagħad huma mandatorji l-proċeduri appożiti kif spjegati iktar 'l fuq.

Illi fil-każ odjern il-Qorti għandha quddiemha dokumenti kruċjali għal din it-tip ta' talba għaliex huwa ċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-konjuġi li fuqu hija bbażata din it-talba u dokument li jindika r-reġim matrimonjali li għażlu li japplika għalihom. L-attriċi qed titlob il-firda minn dan iż-żwieġ. Il-prova reġina li jeżisti żwieġ għalhekk hija kostitwita minn dan iċ-ċertifikat.

Illi l-attriċi tgħid illi ċ-ċertifikat oriġina minn Sqallija għaliex hija allegatament iżżewwġet hemmhekk u tali ċertifikat preżentat huwa vera kopja magħmula mid-difensur tal-attriċi ta' dak li jidher li huwa fotokopja ffirmata.

Illi l-Italja hija firmatarja tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-5 ta' Ottubru 1961 u għalhekk l-attriċi setgħet ippreżentat dokument bl-*apostille* kif maħsub f'din il-konvenzjoni. Fin-nuqqas ta' dan hija kelli ssegwi l-proċedura maħsuba mill-liġi fil-Kap 12 kif hawn fuq spjegat li lanqas ma sar f'dan il-każ.

L-attriċi stess fil-lista ta' xhieda tniżżel *Rappreżentanti mill-Comune di Catania, Sqallija kif ukoll mill-Ambaxxata Taljana ġewwa Malta għall-konferma taċ-ċertifikat taż-żwieġ kif ukoll għall-konferma tar-reġim tas-separazzjoni tal-beni li jirregola ż-żwieġ tal-partijiet, skont il-każ;*[11]

L-attriċi stess għalhekk għarfet li ma hux biżżejjed li tippreżenta dawn id-dokumenti biss b'kopja ffirmata mill-avukat difensur tagħha iżda mbagħad ma ġabitx dawn ix-xhieda fil-kawża. Kieku ta' lanqas il-Qorti kellha konferma tal-awtentiċità minn dawn ir-rappreżentanti msemmija kieku ma kinitx tkun kostretta tikkunsidra li ma nġabitx prova suffiċjenti skont il-liġi ta' dak il-fatt li minnu din il-kawża tista' tiġi bbażata fuqu. Kull ma għamlet l-attriċi hu li kkonfermat hi fix-xhieda tagħha li dak huwa ċ-ċertifikat taż-żwieġ tagħha.[12]

Il-Qorti tikkunsidra li dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi huma ta' ordni pubbliku. L-iskop kollu warajhom kjarament huwa sabiex l-organi varji ta'

[11] Fol. 4.
[12] Seduta tat-2 ta' Diċembru 2022 a fol. 53a.

l-Istat Malti jkollhom il-konfort li att legali li jkun sar fl-esteru u jiġi ppreżentat Malta ikun mhux biss awtentikat iżda jkun konfermat illi huwa konformi mal-Liġijiet tal-pajjiż fejn ikun redatt. Mingħajr tali konvalida, il-Qorti ma hiex konfortata li dawn id-dokumenti, li għandhom natura legali, jistgħu jiġu rikonoxxuti f'Malta, u kwindi tonqos il-prova bażilari li tassew l-attriċi hija miżżewġa lill-konvenut u li ż-żwieġ tagħhom huwa taħt ir-reġim tas-separazzjoni tal-assi. Mingħajr tali prova, il-Qorti ma tistax tilqa' t-talbiet attriċi in kwantu huma bbażati fuq premessa importanti, mhux pruvata sal-grad rikjest mil-Ligi, *ossia*, li hemm żwieġ li l-Qorti għandha tiddeċiedi talbiet dwaru.

**Deċide:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed tiċħad it-talbiet kollha tal-attriċi kif dedotti fir-rikors ġuramentat tal-11 ta' Novembru 2019.

Spejjeż ta' dawn il-proċeduri jkunu a karigu tal-attriċi.

Dr. Abigail Lofaro
Imhallef

Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur